# GĦOŻŻIEB vs. MIŻŻEWĠIN

ĠIMGĦA qabel il-Milied, Fredu bagħat S.O.S. lil ħames għożżieb oħra ħbieb tiegħu. Qisu kiteb hekk lil kull-wieħed mill-għaqda :—

"Xiħ! Tiftakar l-aħħar Milied kemm batejna; kemm rajna ma' wiċċna: għax il-Milied mhux ħaġ'oħra ħlief kon-foffa tal-miżżewġin biex jinku 'l-għożżieb. Tarahom jin-ġabrulek, il-meżżewġin, fi ħdan il-familja tagħhom, jithennew, jidħku, iħarrfu, jifirħu u jferrħu; għax il-Milied jiġi biex ihenni qlub il-bnedmin. Imma lilna ħadd ma jhennina, għax ma għandnix familja biex ninġabru fi ħdanha, għax ħadd ma jrid jaf bina dak inhar. Tiftakar kemm iddejjaqt is-sena l-oħra! X'sejjer tagħmel din id-darba? Tridx nagħ-mlu bawxata kif jidhrilna aħna b'inkejja tal-miżżewġin kollha? Tridx nuruhom li m'hemmx bżonn tkun miżżewweġ fi ħdan il-familja għall-"*Pax hominibus*"; eċċ. eċċ."

Sħabu ħatfuh fil-kelma: Daddu ċempillu li jħalli f'idejh, Tom kitiblu li ħa pjaċir kbir, Frans bagħatlu kartolina u fiha faħħarlu l-għerf ta' moħħu, Bertu bagħat igħidlu li kien lest biex jimxi warajh kullimkien basta m'hemmx dbielet, u Jos saq il-motor sa għandu biex jiftiehem aħjar fuq kif se' jagħmlu u ma jagħmlux.

Għax Fred & Co. kienu sitt għożżieb li riedu jibqgħu hekk għal l-inkejja tan-nisa kollha. "X'fihom dawn in-nisa"—traku kont tismagħhom igergru—"biex tintrabat magħhom għal ħajtek kollha? Dari, l-irġiel kienu jitħajru għan-nisa għax ma kenux jafuhom sewwa; iżda l-lum xort'oħra; il-lum tiltaqa' ma' mara fit-triq tkun taf minn l-ewwel xi trodd minn barra u minn ġewwa. Il-lum il-boloh biss jafdaw qalbhom f'idejn mara; xejn ma trid biex tbigħha u bi flusha tixtri par kalzetti mil-lewn il-laħam jew taqta' xagħarha *shingled*, jew *bobbed* jew *bingled*, u...;" imma nisimgħu Fred u Jos xi ftiehmu.

"S'issa għadni ma ħsibtx sewwa x'se' nagħmlu", qal Fredu, "Imma naħseb li lejl ta' għożżieb, ikla ta' rġiel, imġiba ta' l-aħwa, u praspar u ċajt fuq tfajliet, dbielet qosra, *kami*, *ħenna*, *lip-stick*, *powder puff*, ittri ta' mħabba, safar, teatri; kollox imħallat max-xampanja huma biż-żejjed biex ingħaddu lejl tal-hena, kif għandu jkun il-lejl tal-Milied".

"U ninku 'l-miżżewġin!", fenda Jos. "Dawk ir-rġiel tal-familja ma jridux jafu bina f'dak il-lejl; huma jgħiru

għalina s-sena kollha, barra mil-lejl tal-Milied. Imma aħna nuruhom li mqar fil-lejl tal-Milied raġel għażeb aħjar minn raġel miżżewweġ!" U fexfex is-soda fuq il-"*White Horse*".

"Tgħid f'kollox aħjar?" tefagħha Fred.

"F'kollox; f'kollox!" wieġeb Jos. "Jaqaw daħallek xi fellus f'rasek, biex ma ngħidx inxtrajt?"

"Għax tifel żgħir imqabbad ma' qalzietek u mara tħobbok, iddur bik, fihom *xi* ħlewwa l-aktar f'lejl il-Milied. Imma trid tkun mara tassew, b'qalb ta' mara, u mħabba ta' mara; mhux xi waħda minn dawn il-ħafna nisa-raġel li hawn jiġru mas-saqajn. Qatt ma ltqajt ma' xi tfajla sewwa, xiħ?"

Jos bela' nofs pinta whisky u soda f'daqqa, għajnejh donnhom inkisru, u qaħqaħ xi tnejn; fl-aħħar wieġeb donnu qiegħed joħlom:—

"Darba ltqajt ma' tfajla b'għajnejn donnhom żewġ oqmra, ħaddejn bellus, xofftejn qroll. Tfajla issaħħrek; ma kellix ħila nħares lejha darbtejn, u bqajt biex tliftha. Tfajla bħal dik naħseb li taf tħobb; għe....għem...." u t-tuffieħa t'Adam fuq għonqu telgħet u niżlet xi darbtejn minn l-*isternum* sal-*mandibula*.

* * *

Fredu kien ħaseb għal kollox. Fit-8 p.m. ta' lejliet il-Milied, is-sitt għożżieb iltaqgħu fl-*American Bar* ta' l-aqwa lukanda tal-belt. "Għandna sala merfugħa għalina biss; sid il-lukanda wiegħedna kollox minn l-aħjar; lejla bħal din ma ninsewha qatt"; qallhom Fredu, fil-waqt li s-sefturi kienu qegħdin ineħħulhom il-kpapet minn fuq spallejhom u jieħdulhom it-tomna minn idejhom.

U jifirħu, jidħku, jiċċajtaw imxew lejn is-sala merfugħa għalihom; qalbhom kienet ferħana kemm tista' tkun, u l-hena tal-Milied kienet donnha daħlet f'ruħhom. Jos fetaħ il-bieb u s-sitt għożżieb intefgħu ġewwa ħafif ħafif. Imma f'daqqa waħda waqfu u skantaw iħarsu lejn xulxin.

Kien hemm mejda kbira, għanja kemm tista' tkun, u mgħobbija bil-ġid tad-dinja kollu; imma... Imma kienet imdawra bi *tnax-il* siġġu.

"Tnax!" qal Jos imgħaġġeb.

"Hekk kif?" staqsa Tom.

"Dan il-għala? tenna Daddu.

"Forsi Fredu jista' jfissrilna", qal Bert.

Kullħadd tefa' għajnejh fuq l-organizzatur; imma dan kien mifxul u donnu ma jafx fejn jibda jati rasu.

"Ma nista' nfissrilkom xejn", qal Fredu. Jiena massid ftehimt għalina s-sitta. Min jaf ħadnix sala b'oħra? Ħalli nara". Iżda malli se' jara, il-bieb tas-sala nfetaħ, u waħda, tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa. sitt tfajliet daħlu fissala, u waqfu skantati jħarsu lejn is-sitt ir-rġiel.

Fredu berraq għajnejh u bexxaq xofftejh; ħares lejn sħabu, u sħabu ħarsu lejh; inbagħad :—

"Aħfrulna sinjurina! Jisgħobbina wisq! Ħadna żball"› qal lil tfajla b'għajnejha żoroq u xagħarha aħmar, li kienet ftit il-quddiem minn sħabha, u li kienet donnha l-kap tagħhom.

"He!" wieġbet din.

"Aħna sitt iħmir, ħadna żball; ħsibna li din is-sala merfugħa għalina".

"Iżda m'hux din is-sala tagħna"; qalet it-tfajla. "Aħna sitta".

"Daqshekk aħna", wieġeb Fred. "Din naraw kif inhi".

"Din narawha" tenniet it-tfajla.

U ċemplu. Qabda *waiters* qabżu fis-sala. Hekk kif, hekk kif; ħalli ngħidu d-direttur.

Intant sħab Fredu kienu nġabru ma' dwaru u t-tfajliet daru mal-kap tagħhom. L-irġiel kienu jħarsu lejn it-tfajliet bi kbira ħlewwa; u t-tfajliet kienu jħarsu lejn l-irġiel bi ħlewwa kbira.

"X'kull biċċa hux"; temtem Bert lil tfajla għonqha abjad daqs alabastru u xagħarha *eton crop*.

"Tassew" ; tbissmet din.

"Taf x'hemm tajjeb li lejliet il-Milied"; indaħal Frans, b'għajnejh imsammrin fuq tfajla mneħirha mislut u xufftejha donnhom warda maltija.

"Iva;" daħkitlu din.

Id-direttur tal-lukanda daħal imgħaġġel u mifxul. Dilbiċċa m'hix taċ-ċajt; issa kif se' jibda jagħmel? Il-ħtija kollha tiegħu, u jitlobhom maħfra bil-ħrara ta' qalbu kollha. Jaħasra, dawn l-aħħar erbât ijiem kellu x'jagħmel wisq: bejn li kien wasal il-Milied, bejn li ried jilħaq max-xogħol tal-lukanda, bejn li kellu ħafna mistoqsijiet biex jarfa' swali fil-lukanda, seta' mar żmerġ u s-sitt għożżieb irġiel u s-sitt għożżieb nisa ħasibhom flimkien u refgħalhom sala waħda. Jarġa' jistqarr li l-ħtija kollha tiegħu u jarġa' jitlobhom jaħfrulu għal mija-u-elf darba, u m'hux ħlief ibaxxi rasu bil-qima kollha. Imm'issa kif se' jagħmel? Hu lest, anzi dmir tiegħu li jarahom henjin; imma....

"Kieku jaħasra......." tefagħha d-direttur iġerri għajnejh minn fuq l-irġiel għal fuq in-nisa u viċiversa; u jqaħqaħ griżmejh.

"X'fiha billi noqogħdu fl-imkien la ġiet hekk!" qal Fredu.

"Din x'fiha!" tenniet Ġina—it-tfajla ta' għajnejha żoroq u xagħarha aħmar.

"X'jidhrilkom?" staqsa Fredu lil sħabu, li b'għajnejhom kienu qegħdin jieklu t-tfajliet.

"Isbaħ din", ħatfuh.

"Tridu?" saqsiet it-tfajla ta' għajnejha żoroq u xagħarha aħmar lil sħabha.

"Bil-qalb kollha" wieġbu t-tfajliet għalenija; u ma nafx minn fejn, traku ħarġu terra, żebgħa, u mirja, u bdew itaptpu fuq ħaddejhom u jmellsu xufejhom b'sebagħhom iż-żgħir.

*   *   *

Għaddew lejla tal-għaġeb, lejla ta' ferħ, ta' hena, ta' tgawdija; kielu bl-aptit, xorbu bil-qalb: dak l-ikel tegħmuh manna; dik ix-xampanja niżlitilhom xorb tal-ġenna; u daħku, iċċajtaw, iżżuffjettaw; il-hena ta' qalbhom dehret fi ħbub għajnejhom, u ruħhom sikret bil-ferħ.

Dawk l-irġiel, li kienu joboghdu n-nisa kollha, stagħġbu kemm ġmiel jista' jkollu wiċċ ta' mara meta jħares lejk imbissem, u x'seħer fih leħen ta' tfajla rqiq irqiq u mtawwal imtawwal. U dawk it-tfajliet, li kienu jqisu l-irġiel bħala bhejjem, jew, għal l-inqas, bħala ħaġa ta' qalb xierfa, skantaw meta raw kemm imħabba u ħrara tasa' dik il-qalb taħt qmis imgħoddija jiebsa u marsusa f'sidrija sewda. U qalb kullħadd faret bil-ferħ u l-hena.

Qamu mill-mejda; saqajhom bdew jaqbżu, imma ħadd, ma kellu qalb imur fis-sala taż-żfin. Aħjar jibqgħu fejn kienu, weħedhom, is-sala tagħhom kienet donnha fiha xi seħer: l-arja tagħha kienet donnha nifs tal-hena. F'rokna tas-sala nzerta kien hemm pjanu; Doris u Daddu kienu jafu jdoqqu l-pjanu sewwa; Frans u Vjola kienu jduru l-*Waltz* daqs ir-riħ; Bert u Jessy ħadd ma kien jiksirhom għal l-*One-Step;* Tom u Verġin ħajjithom kienet *Fox-trot;* Jos u Lola kienu mfaħħrin daqs kemm kienu jafu jkaxkru l-aħħar *Charleston* u *Man-trot.*

Beda l-pjanu u ż-żgħażagħ telqu jduru ħfief daqs ir-riħ, ħfief daqs il-hena li kellhom f'qalbhom; inbagħad strieħu; inbagħad reġgħu żifnu, u xorbu u daħku.

"Kif int sejjer, xiħ!" saqsa Fredu lil Jos.

Imma x-xiħ le ma wieġeb, għax dak il-ħin kien mitluf mat-tfajla li kellu miegħu: tfajla b'għajnejn donnhom żewġ oqmra, ħaddejn bellus, xofftejn qroll.

"Min hu aħjar mill-għożżieb?" saqsa Tom lil Verġin, u niżżel sal-qiegħ tazza xampanja.

"Min hu aħjar minna?" kompliet Verġin u tefgħet biċċa ċikkulata bejn dawk snienha donnhom avorju.

Meta spiċċaw, is-sitt żgħażagħ ma marrux flimkien il-Club kif għenelli kienu ftiehmu; iżda kull wieħed qabad motor u mar għal-arja.... Fredu mat-tfajla ta' għajnejha żoroq u xagħarha aħmar tnikkru għal l-aħħar.

"Morna tajjeb, Fred" qalet it-tfajla.

"Ma stajniex immorru aħjar, Ġin", wieġeb Fredu. "Naħseb li ħbiebna jibdew jaħsbuha xort'oħra mil-lum il quddiem".

"Hekk nixtieq" qalet Ġina.

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Ftit żmien wara, Fredu kien fuq l-iskrivanija, quddiemu kellu ritratt ta' tfajla b'għajnejha żoroq u xagħarha aħmar, u żewġ ittri għadu kif kitibhom. L-ewwel ittra kienet għall-Konti Xjatka, u kienet tgħid hekk:—

"Għażiż Konti.—Re l-imħatra li għamilna bejnietna xahar ilu, għandi nagħirfek li inti tliftha għal kollox: il-għaqda tas-sitt għożżieb spiċċat, jew biex niftiehmu aħjar saret għaqda tal-miżżewġin. Bertu u Tom raw kif għamlu ħaffu t-tnidijiet u żżewġu l-bieraħ ma' tnejn mit-tfajliet li kellna magħna lejliet il-Milied. Jos stedinni għax sejjer igħarraqha l-lum; u biex ingħaqqduha, jiena ma ndumx ma naqgħilek ħaddâr għat-tieġ tiegħi ma' Ġina. Frans u Daddu ma ddumx ma tisma' bi ħbarhom.......".

L-ittra l-oħra kienet għad-direttur tal-lukanda fejn għaddew il-lejl tal-Milied. Fiha Fredu bagħat jiżżiħajr lid-direttur talli mexxa' kollox bil-għaqal, talbu biex ma juri lil ħadd li kienu miftehmin minn qabel, u wiegħdu li l-festa tattieġ għandu jagħmilha fil-lukanda tiegħu.

G. Galea